**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 102/2008**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Joseph Rizzo**
**(ID 246462(M))**

**Illum, 25 ta' Novembru 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Joseph Rizzo** ta' 46 sena, iben Emanuel u Dolores nee` Spiteri, imwieled Raħal Ġdid fid-19 ta' Frar 1962 u residenti Quintano Flats, Flat 1, Triq Mahatma Ghandi, Fgura, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 246462(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-20 ta' Settembru 1998 u fid-disa' xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellu liċenżja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li

jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club*, jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ u dan bi ksur tar-regolament 4 tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Itraffika, biegħ, qassam jew offra li jitraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali u bil-mitkub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Ġunju 2008 ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali, mhux iffirmat, datat Ġunju 2008, mingħajr jum speċifikat, ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni[2] u illi minkejja illi d-difiża wkoll ingħatat żmien sabiex tintavola n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, dan baqgħet ma għamlitux;

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

---

[1] Ara l-Ordni ai termini tal-Kap. 31 a fol. 2 tal-proċess u l-Ordni ai termini tal-Kap. 101 a fol. 3 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 188 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-Prosekuzzjoni qegħda ssejjes l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat fuq is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Dennis Theuma** xehed kif dan il-każ huwa riżultat ta' żewġ investigazzjonijiet separati; waħda mmexxija mill-Ispettur (sussegwentement Supretendent) Sandro Gatt u oħra mill-Assistent Kummissarju Neil Harrison. F'dawn l-investigazzjonijiet separati ġew arrestati u investigati xi persuni, fosthom James Muscat (ID 372477(M)) li kien instab fil-pussess ta' ammont ta' pilloli *ecstasy* fl-20 ta' Settembru 1998 u Clifford Sultana (ID 10978(M)), li wkoll kien instab fil-pussess ta' sustanzi lleċiti.

   Skont ix-xhud, nhar is-16 ta' Novembru 2004, James Muscat għażel li jixhed fil-proċeduri li ġew intavolati fil-konfront tiegħu dwar pussess aggravat ta' *ecstasy,* u indika lill-persuna li mingħandha huwa xtara l-pilloli *ecstasy* li nstabu fil-pussess tiegħu waqt *rave party* ġewwa l-Westin Dragonara fis-sena 1998 ossia lil ċertu Joseph Rizzo. Sussegwentement, mill-invetigazzjoni tagħha, il-pulizija waslet sabiex tidentifika lill-imputat odjern bħala dak li Muscat indika li kien fornih bil-pilloli *ecstasy.* Ix-xhud jgħid ukoll illi bħala riżultat ta' din ix-xhieda, fil-proċeduri li ttieħfu kontra tiegħu, l-istess James Muscat ibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

   L-Ispettur Dennis Theuma jgħid ukoll illi waqt ix-xhieda mogħtija minn Clifford Sultana fil-proċeduri li ttieħdu kontra tiegħu, dan kien indika lil ċertu Joseph Rizzo magħruf bħala t-*Tiny* bħala dak li kien ifornih bid-droga kokaina. Anke hawn, il-pulizija kkonkludiet illi Rizzo kien l-imputat odjern.

   Ix-xhud jgħid illi għalhekk a bażi tas-suespost, l-imputat ġie mixli bir-reati odjerni. Huwa jkompli jgħid illi l-imputat, imbagħad, ġie investigat mill-pulizija u rrilaxxja stqarrija fl-24 ta' Ottubru 2007.[3]

   In kontro-eżami, l-Ispettur Dennis Theuma jgħid illi James Muscat ma kienx ikkonferma l-istqarrija li rrilaxxja lill-pulizija bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa, iżda kien minflok għażel li jixhed fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu u matul din ix-xhieda, huwa ndika lill-persuna li fornietu

[3] Din tinsab esebita a fol. 32 u 33 tal-proċess.

bil-pilloli *ecstasy*. Skont ix-xhud, lanqas Clifford Sultana ma kien ikkonferma bil-ġurament l-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-pulizija, iżda xehed fil-proċeduri odjerni u sostna illi l-persuna li huwa indika bħala l-fornitur tiegħu ossia Joseph Rizzo, ma kienx l-imputat odjern.[4]

L-istess Spettur Theuma esebixxa wkoll l-istqarrija rilaxxjata minn Clifford Sultana bħala parti integrali mix-xhieda tal-istess Sultana tat-3 ta' Settembru 2007, quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.[5]

2. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, li esebiet vera kopja tax-xhieda ta' James Muscat tas-16 ta' Novembru 2004 quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Sandro Gatt) vs James sive James Edward Muscat'[6], kif ukoll vera kopja tax-xhieda ta' Clifford Sultana tat-3 ta' Settembru 2007 quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supt. Neil Harrison) vs Clifford Sultana et'.[7]

3. Jirriżulta mix-xhieda ta' **James Muscat** tas-16 ta' Novembru 2004, quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Sandro Gatt) vs James sive James Edward Muscat', illi x-xhud jgħid li huwa xtara l-pilloli mingħand Joseph Rizzo. Jgħid ukoll illi kull ma jaf dwaru hu li huwa mill-Fgura u li jaħseb li ghandu 45 sena[8]. Jgħid illi l-aħħar darba li xtara mingħand Rizzo kien ftit qabel il-każ tiegħu, jiġifieri fis-sena 1998. Jgħid in oltre illi Rizzo kien *salesman* bil-*parts* tal-karozzi u li dawn kien ibiegħhom billi jiġri bil-vann. Jgħid illi huwa (ix-xhud) minn Raħal Ġdid u lil Rizzo kien jarah Raħal Ġdid stess, li huwa (ix-xhud) joqgħod il-pjazza u lil Rizzo kien jarah għax "*hu dejjem hemm*"[9]. Jgħid ukoll illi Rizzo kellu vann tal-marka Toyota bir-riklam "*tal-Kleen Flo*"[10]. Mingħandu huwa kien jixtri pilloli *ecstasy* u xtara darba jew darbtejn mingħandu. F'din l-okkażjoni, huwa kien akkwista ħamsin pillola bil-prezz ta' mitejn Lira Maltin (Lm200). Qabel kien xtara darb'oħra għall-użu tiegħu. Mis-sena 1998 qatt ma reġgħu tkellmu. Jgħid in oltre illi l-imputat kien twil ħames piedi u nofs, irqiq u ta' karnaġġjon

---

[4] Ara a fol. 108 sa 115 tal-proċess, kif ukoll a fol. 11 u 12 u 30 u 31 tal-proċess. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma tas-7 ta' Novembru 2008, illi fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu, nhar is-7 ta' Frar 2005, James Muscat ġie kkundannat għal erba' xhur priġunerija.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 75 u 76 tal-proċess. L-istqarrija ta' Sultana tinsab esebita a fol. 77 u 78 tal-proċess.
[6] A fol. 13 u 14 tal-proċess.
[7] A fol. 56 u 57 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 16 tal-proċess.
[9] A fol. 17 tal-proċess.
[10] A fol. 18 tal-proċess.

skura. Ma kienx jilbes nuċċali, kellu xagħru iswed u qasir. Ma kienx jaf jekk l-imputat kellux laqam. Jgħid ukoll illi huwa kien jieħu l-*ecstasy* fil-*weekends*, ġewwa Paceville u fil-*parties*. Mill-ħamsin pillola li kien akkwista f'din l-okkażjoni, huwa kien ħa żewġ pilloli u li huwa ġieli biegħ id-droga biex iżomm il-vizzju li kellu.[11]

F'dawn il-proċeduri, imbagħad, nhar id-9 ta' Frar 2009, quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, l-istess **James Muscat** jikkonferma illi l-pulizija kienu sabulu l-pilloli *ecstasy* u jgħid illi kien ġie kkundannat erba' xhur priġunerija. Jgħid in oltre illi huwa kien akkwista dawn il-pilloli mingħand Joseph Rizzo, li huwa jidentifikah bħala l-imputat odjern. B'kollox kien xtara ħamsin pillola bi prezz ta' madwar mitejn lira Maltin (Lm200). Din kienet l-unika okkażjoni li fiha xtara l-pilloli mingħand l-istess imputat. Jgħid illi huwa kien sempliċiment iltaqa' miegħu u akkwista l-pilloli mingħandu u li sar jaf bl-imputat tramite xi ħbieb. Ix-xhud jgħid ukoll illi huwa kien instab fil-pussess tal-pilloli waqt *party* nhar il-21 ta' Settembru 1998 u li kien xtara l-istess pilloli xi jum jew jumejn qabel. Skont ix-xhud, l-imputat kien dejjem jiġri b'vann, li fuqu kellu riklam tal-*Kleen Flo*.[12]

L-istess **James Muscat** reġa' xehed quddiem din il-Qorti, kif preseduta, nhar is-7 ta' Lulju 2014. Huwa jikkonferma li fis-sena 1998, huwa ġie investigat mill-pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga u kien tressaq il-Qorti fuq pussess aggravat ta' pilloli *ecstasy* li, huwa jgħid, kien akkwistahom mingħand Joseph Rizzo. Jgħid ukoll illi huwa kellu tmienja u erbgħin pillola fil-pussess tiegħu. Huwa jidentifika lil Rizzo ossia l-fornitur tal-pilloli in kwistjoni bħala l-imputat odjern. Jgħid in oltre illi nesa kemm kien ħallas għall-pilloli u nesa wkoll kif għamel sabiex xtara dawn il-pilloli mingħandu, għalkemm sussegwentement jgħid illi kienu ltaqgħu, l-imputat tah il-pilloli u huwa ħallsu. Jgħid illi nesa fejn kienu ltaqgħu, iżda wara jgħid li ltaqgħu Raħal Ġdid, il-pjazza. Jgħid ukoll illi din kienet l-unika darba li kien xtara mingħand l-imputat. Ix-xhud ikkonferma x-xhieda mogħtija minnu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u jgħid, rigward il-prezz tal-pilloli li, f'dik ix-xhieda preċedenti tiegħu kien qal illi kien ta' mitejn lira Maltin (Lm200) għal ħamsin pillola, "*Jekk ghidt hekk, hekk hu imma onestement ma niftakarx*".[13]

4. Jirriżulta mix-xhieda ta' **Clifford Sultana** tat-3 ta' Settembru 2007, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, fil-kawża fl-ismijiet 'Pulizija

[11] Ara a fol. 15 sa 25 tal-proċess u a fol. 38 sa 48 tal-proċess.
[12] A fol. 49 sa 53 tal-proċess.
[13] A fol. 164 tal-proċess. Ara din ix-xhieda a fol. 158 sa 168 tal-proċess.

(Supritendent Neil Harrison) vs Clifford Sultana et'[14], illi wara li nqrat lilu l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja lill-pulizija nhar it-12 ta' April 1998, huwa jikkonferma li din kienet l-istqarrija tiegħu u illi huwa kien irrilaxxja l-istess stqarrija volontarjament, wara li huwa kien ingħata s-solita twissija skont il-liġi.

5. F'din l-istqarrija[15] Sultana jgħid illi huwa tela' Għawdex ma' sieħbu Anthony Bonello u li hemmhekk kienu qed joqogħdu Marsalforn ġewwa appartament flimkien ma' persuni oħrajn li huwa jsemmi fl-istess stqarrija. Huwa jgħid b'referenza għall-biċċiet tar-raża tal-*cannabis* li nstabu fl-appartament fil-jum ta' qabel, illi dawn kienu għall-użu personali tiegħu u li kien ilu jpejjep il-ħaxixa xi xahrejn jew tlieta. Mistoqsi jekk dan l-aħħar kienx ta xi kokaina lil Bonello, huwa jikkonferma dan u jgħid illi huwa kien ta tnax-il pakkett kokaina lil Bonello f'biċċa tal-*Kinder,* li tah dawn il-pakketti jum qabel telgħu Għawdex, jiġifieri nhar l-Erbgħa fil-għaxija u li kien tahomlu biex iżommhomlu. Huwa ma kienx jaf fejn kien għamilhom Bonello, iżda dan kellu jerġa' jagħtihomlu lura meta jmur lura. Jgħid ukoll fl-istqarrija illi huwa ma jużax kokaina, iżda kien ser jipprovaha. Mistoqsi minn fejn kien xtara l-kokaina, Sultana jgħid illi "*Nhar l-erbgha fil-ghaxija, rajt lil Joseph Rizzo, maghruf bhala 'it-tiny'. Rajtu fejn 'it-tik-tik confectionery' li qeghda fejn l-entratura principali tal-ground 'Pace-Grasso'. Jiena kont diga miftiehem li jgibli 3 grammi kokajina. Hu gie b'van tat-tip bhal Toyota, li mal-genb u quddiem tieghu ghandu miktub 'Kleen-flo'. Jiena kont bil-mixi. Jiena ersaqt lejh u hu kien wahdu. Qadt barra l-van, u hu taghni 6 pakketti bil-kokajina. Jiena kont diga miftiehem mieghu, li jaghmilhomli pakketti, ghax jiena ma' nafx naghmilhom. Jiena kont fthemt mieghju jidhirli nhar it-tnejn. Jiena kont rajtu ghaddej bil-van u fthemna hekk. Nhar l-erbgha ma' hallastux taghhom. Ghandi intieh Lm35 kull gramma, u suppost taghni 3 grammi kokajina. Hadthom id-dar, u irdubjajt l-ammont, billi hallatha mal-bicarbonat. B'hekk minn 6 gibthom 12 il-pakkett.*"[16] Dwar dawn il-pakketti, Sultana jgħid illi huwa kellu l-ħsieb li jtellagħhom Għawdex miegħu sabiex ibiegħhom hemm, bil-prezz ta' Lm20 il-pakkett, iżda beża' għaliex magħhom kien hemm ulied Bonello u beżgħu wkoll minħabba r-*roadblocks* li jsiru ċ-Ċirkewwa u postijiet oħra. Dwar Rizzo, huwa jgħid illi kien jaf li miżżewweġ, u li għandu garaxx bejn Ħal Tarxien u Raħal Ġdid. Fuq il-bieb tal-garaxx, kellu *stickers* tal-*Kleen Flo* u jgħid illi huwa ġieli mar għandu ġewwa l-garaxx.

---

[14] Ara din ix-xhieda a fol. 58 sa 63 tal-proċess.
[15] Din tinsab esebita a fol. 77 u 78 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 78 tal-proċess.

6. Fix-xhieda tiegħu tat-3 ta' Settembru 2007, **Sultana** jgħid *inter alia* illi dak iż-żmien huwa kien weġġa' fuq il-post tax-xogħol bil-konsegwenza illi d-datur tax-xogħol tiegħu tterminalu l-impjieg. B'kollox dam sena u nofs mingħajr xogħol. Fiż-żmien li huwa kien ġie arrestat dwar il-każ odjern (ossia l-każ tiegħu), huwa ma kienx qiegħed jaħdem, kien ikun muġugħ, iżda kien ikollu ħafna ħin liberu. Fl-istess żmien, huwa beda jagħmilha ma' kumpanija ħażina u waqa' fil-vizzju tad-droga. Jgħid illi huwa kien juża kemm il-*cannabis* kif ukoll il-kokaina, illi huwa beda juża d-droga madwar xahrejn wara li ġie terminat l-impjieg tiegħu u li baqa' juża d-droga sakemm ġie arrestat. Jgħid ukoll illi huwa nefaq il-maġġor parti tal-flus kollha li kien faddal mill-impjieg preċedenti tiegħu ammontanti għal elfejn u ħames mitt lira Maltin (Lm2,500) fuq id-droga, tant illi għalkemm kien faddal bil-ħsieb li jixtri karozza, din baqa' ma xtrahiex.

   Jgħid in oltre illi huwa kien tela' Għawdex għal tliet ijiem mal-persuni/ħbieb li jissemmew fl-istqarrija tiegħu. Jgħid ukoll illi dak iż-żmien huwa kien jixtri mingħand Joseph Rizzo, li kien ilu jafu għal xi xhur. Mistoqsi sabiex jgħid x'wasslu sabiex jixtri mingħand Rizzo dak li jsemmi fl-istqarrija tiegħu, huwa jwieġeb illi f'dak l-istadju kien spiċċa mingħajr flus, stante li l-ġenituri tiegħu dak iż-żmien kienu ndunaw li kien qed jeħdilhom il-flus u allura kienu qed joqogħdu attenti li ma jħallu xejn fl-idejn. Jgħid ukoll illi d-droga nstabet għand il-ko-imputat. Jgħid ukoll in oltre illi huwa kien xtara din il-kokaina biex jagħmel użu minnha ġewwa Għawdex, għalkemm kellu xi intenzjoni wkoll li jbiegħ minnha hemmhekk, iżda skont hu, wara rrealizza li ma kienx ta' dawn l-affarijiet u għalhekk kien ħalla d-droga Malta bit-tir li jerġa' jagħtiha lura lil Rizzo.

   Fuq domanda li saritlu, jekk xi ħadd kienx ħajjru biex ibiegħ xi droga, jgħid illi kien dan Joseph Rizzo u dan għaliex dak iż-żmien, kienu spiċċawlu l-flus. Jgħid ukoll f'dan ir-rigward: "*Jiena tip li nibza'...*".

   Skont hu mal-arrest tiegħu, huwa ma baqax jagħmel użu mid-droga u apparti li f'dan ir-rigward, għenuh il-ġenituri tiegħu, mar ukoll Sedqa.

   Jgħid ukoll illi għalkemm fl-istqarrija tiegħu huwa kien qal li ma jagħmilx użu mill-kokaina, fil-verita` huwa kien jagħmel użu minnha, iżda kien beża' jgħid dan u kien maħsud. Jgħid ukoll illi l-*cannabis* li nstabet Għawdex kien xtraha minn hemmhekk stess, mix-Xlendi.

In kontro-eżami, Sultana jerġa' jgħid illi kien huwa li kabbar it-tliet grammi għal sitta, bl-iskop li jbiegħhom, iżda wara biddel fehmtu u kien ħalliha Malta biex jerġa' jirritornaha kollha lura. Jgħid ukoll illi f'dak l-istadju huwa ma kellux biex iħallas lil Rizzo. Lil Rizzo kien għadu ma tahomlux lura, għaliex ma laħaqx iltaqa' miegħu qabel mar Għawdex. Għalkemm kien jaf fejn isib lil Rizzo, huwa beża' joħroġ bid-droga u għalhekk kien qed jispera li jiltaqa' miegħu u jitolbu li jiġi għalihom hu.

7. Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, nhar it-2 ta' Ottubru 2009, imbagħad, **Clifford Sultana** jikkonferma illi fix-xhieda tiegħu preċedenti (fil-proċeduri li ttieħdu kontra tiegħu) huwa kien semma' lil ċertu Joseph Rizzo bħala l-persuna li kienet fornietu bid-droga, iżda dan ma kienx preżenti fl-awla u ma kienx l-imputat odjern. Jgħid illi l-fornitur kien qallu li jismu Joseph Rizzo, iżda dan ma kienx l-imputat. Skont hu, lanqas ma kien jaf li kienu jgħidulu 't-*Tiny*' u kienu l-pulizija li staqsewh jekk jgħidulux hekk. Meta ġie ssuġġerit lilu mill-Qorti illi la darba fix-xhieda preċedenti tiegħu huwa kien qal li kellu l-intenzjoni li jagħti lura d-droga lil Rizzo, allura dan kif ifisser li kien jafu, Sultana wieġeb fl-affermattiv iżda reġa' sostna li ma kienx l-imputat odjern u jgħid illi Rizzo kien twil u ftit ismar. Jgħid ukoll illi kienu ltaqgħu Raħal Ġdid sabiex jagħtih id-droga, ħdejn il-pjazza, wara l-knisja u li Rizzo kien minn Raħal Ġdid. Dak iż-żmien kellu madwar 32 jew 33 sena. Jgħid ukoll illi huwa kien jiltaqa' miegħu u allura jgħarfu sew, kif ukoll illi l-pulizija qatt ma kienu wrewh ritratt tiegħu. Imwissi li kien bil-ġurament, ix-xhud jerġa' jinnega li Rizzo, l-fornitur tiegħu kien l-imputat odjern. Jgħid ukoll illi ma jiftakarx il-vettura li kien juża Rizzo.[17]

8. Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, quddiem il-Qorti kif preseduta, tas-7 ta' Marzu 2014, **Sultana** jikkonferma illi fis-sena 1998 huwa ġie investigat mill-Ispettur Harrison u li kien ġie arrestat in konnessjoni ma' *smoke* "*u affarijiet ohra*"[18] li, skont hu, "*qalu li sabu coke ghax ma nstabux fil-presenza tieghi. Instabu Malta. Dakinhar konna qeghdin Ghawdex...*".[19] Mistoqsi jekk apparti l-i*smoke*, kienx jabbuża minn xi drogi oħrajn, huwa jwieġeb li "*Ma kellix problema tad-droga imma*"[20] u jgħid illi dak iż-żmien kien jabbuża mill-*cannabis*. Jgħid ukoll illi huwa kien ġie arrestat dwar *smoke* u kokaina u li nesa eżatt x'kien ir-reat għax il-każ seħħ fis-sena 1998. Jgħid ukoll illi nesa

---

[17] A fol. 64 sa 70 tal-proċess.
[18] A fol. 119 tal-proċess.
[19] A fol. 120 tal-proċess.
[20] A fol. 121 tal-proċess.

x'kien qal fl-istqarrija tiegħu, u wara jgħid illi wara li reġa' qara l-istqarrija ftakar ftit iżda nesa għax għadda ż-żmien. Mistoqsi jekk kienx ta xi ħaġa lil Anthony Bonello, huwa jgħid illi kien tah *smoke* u li ma tah xejn iżjed u b'referenza għall-istqarrija li kien irrilaxxja jgħid, minkejja li wkoll ġie spjegat lilu illi ma setax jinkrimina ruħu b'dak li seta' jgħid in konnessjoni ma' dan il-każ għaliex il-każ tiegħu kien għadda in ġudikat, illi "*Ifhem jien dan ma nafx ghaliex qed nixhed fuqu*".[21] Sussegwentement, meta suġġerit lilu illi oriġinarjament huwa kien qal li lil Bonello kien tah tnax-il pakkett kokaina, huwa jgħid "*Jekk ghidt hekk hemm hekk iva*"[22] u wara mistoqsi jekk kienx jiftakar dwar dan, jgħid illi kien nesa għax għadda ż-żmien u sussegwentement illi "*meta nstabet Malta, Anthony qal li kelli x'naqsam jien maghhom*"[23]. Mistoqsi x'kien ta lil Bonello, huwa jikkonferma li kien hemm droga oħra (apparti l-is*moke*) iżda jgħid li ma jiftakarx jekk kinitx kokaina, għalkemm skont hu, jaf li lil Bonello tah *smoke* "*u xi haga ohra*".[24] Wara ħafna tidwir u logħob bil-kliem, ix-xhud jgħid "*Jekk hemm miktub li tajtu coke*"[25] u wara jgħid illi kienu ġew akkużati in konnessjoni mad-droga kokaina. Jerġa' jgħid li nesa x'kien ta lil Bonello iżda jiftakar li kien qal dwar din is-sustanza li kien xtraha mingħand "*wiehed Joseph...Rizzo ghandikun*"[26] u li l-laqam tiegħu ma kienx jiftakru. Jgħid ukoll wara ħafna mistoqsijiet anke tal-Qorti, illi huwa kien ġab *smoke* biss mingħand Rizzo u li ma kienx ġab ħafna. Lil Rizzo kien ilu jafu "*ftit hafna*"[27], jiftakar li ġieli ċempillu u ltaqa' miegħu "*Jew il-pjazza Rahal il-Gdid*"[28], li ma kienx jaf fejn kien joqgħod Rizzo u li ġieli kien jiltaqa' miegħu bil-pass jew inkella b'vettura, karozza jew vann li mingħalih kien abjad, għalkemm ma jiftakarx il-marka tal-vann. Ma jiftakarx kemm il-darba inqeda mingħand Rizzo, għalkemm f'punt minnhom jgħid illi mhux ħafna drabi u li kien jaf lil Rizzo għax kien mill-istess post li fih kien jgħix hu. Jerġa' jgħid li mingħand Rizzo huwa xtara *smoke* biss, iżda jgħid li fl-istqarrija qal il-verita`, u jekk kien qal li xtara l-kokaina mingħand Rizzo, allura hekk kien, għalkemm nesa. Jgħid illi d-dettalji kien nesihom. Mistoqsi min hu Rizzo li jsemmi fl-istqarrija tiegħu, huwa jgħid illi ma jafx, li ilu ma jarah u jiltaqa' miegħu u mistoqsi kienx qed jagħrfu fl-awla, huwa jgħid illi għadda wisq żmien mis-sena 1998 u sostna li ma kienx ċert. Jgħid illi huwa minn Raħal Ġdid u joqgħod hemm ukoll, iżda mix-xogħol imur dritt

[21] Ara a fol. 124 tal-proċess.
[22] A fol. 125 tal-proċess.
[23] A fol. 127 tal-proċess.
[24] A fol. 128 tal-proċess.
[25] A fol. 129 tal-proċess.
[26] A fol. 130 tal-proċess.
[27] A fol. 132 tal-proċess.
[28] A fol. 132 tal-proċess.

id-dar u li m'għadux jagħmilha mal-istess nies. Jgħid illi minn dak iż-żmien ma reġax ra l-vettura ta' Rizzo. In oltre kkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament.

In kontro-eżami, mistoqsi jekk qatt tkellimx mal-pulizija dwar ċertu Gilbert li mingħandu kien imur jixtri, huwa jiċħad dan u jgħid li ma jiftakarx u li l-każ kien dak li hemm fl-istqarrija.[29]

9. L-**Assistent Kummissarju Neil Harrison** jixhed illi fit-12 ta' April 1998, meta huwa kien għadu Spettur, il-pulizija arrestat żewġ persuni Maltin ġewwa Għawdex ossia lil ċertu Clifford Sultana u lil Anthony Bonello. Fil-pussess ta' Sultana nstabet xi raża tal-*cannabis*, fil-waqt illi fil-pussess ta' Bonello nstabu xi tnax-il qartas bil-kokaina. Mill-investigazzjoni rriżulta illi l-qratas bil-kokaina kienu jappartjenu lil Sultana, li da parti tiegħu kien tahom lil Bonello sabiex iżommhomlu sakemm jitilgħu Għawdex. Skont ix-xhud, Sultana kien indika lill-fornitur tal-kokaina bħala Joseph Rizzo, magħruf bħala 't-*Tiny*' u li meta dan kien fornieh bid-droga, kien mar jiltaqa' miegħu b'vann Toyota li mal-ġenb, fuq quddiem, kellu l-kliem '*Kleen Flo'* miktubin. Ix-xhud jgħid illi Sultana kien ikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament waqt il-proċeduri li ttieħdu kontra tiegħu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta. Ix-xhud jgħid ukoll illi huwa kien jaf lil Joseph Rizzo, li Sultana semmieh bħala 't-*Tiny*', għaliex huwa kien investigah f'Awwissu 1994 in konnessjoni ma' droga. Huwa għalhekk kien jaf illi Joseph Rizzo, 'it-*Tiny*' li kellu vann Toyota bil-kliem imsemmija fuqu u li kellu garaxx il-Fgura wkoll b'dak il-kliem, skont kif qallu Sultana, kien l-istess Rizzo li kien investiga hu fis-sena 1994 ossia l-imputat odjern.

In kontro-eżami, ix-xhud jgħid illi apparti illi dan il-każ ġie abbinat ma' każ ieħor fil-konfront ta' Rizzo, il-każ ta' Sultana kien ġie deċiż fis-sena 2007 u għalhekk Sultana ma setax jixhed fil-konfront ta' Rizzo sa dak iż-żmien.[30]

Fix-xhieda tiegħu tas-26 ta' April 2010, l-istess Assistent Kummissarju Neil Harrison jgħid ukoll illi huwa personalment kemm il-darba ra lill-imputat odjern isuq vann abjad bl-i*stickers* man-naħa ta' fuq fil-ġenb, bil-kliem *Kleen Flo*. Jgħid ukoll illi l-vann kien jintgħaraf għaliex dan il-kliem huwa kbir u evidenti ħafna fuq dan il-vann. L-istess vann kien qisu vann Toyota, bil-kaxxa

[29] A fol. 118 sa 150 tal-proċess.
[30] Ara a fol. 175 sa 180 tal-proċess.

ta' wara magħluqa. Ma kienx jaf kienx eżattament Toyota, għaliex hawn ditti differenti li jixxiebħu, iżda huwa l-istess tip.[31]

10. **Stephen Cachia** in rappreżentanza tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta jgħid illi huwa għamel riċerka fuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni YAN 285, li jirriżulta illi hija vann tal-marka Toyota Hi-Ace reġistrata fuq Joseph Rizzo (ID 246462(M)) u li ilha hekk reġistrata mid-19 ta' Ġunju 1995.[32]

11. **PC 10 Trevor Cassar Mallia** jixhed illi huwa kien ilu snin twal fl-Iskwadra kontra d-Droga u li għamel sorveljanza fuq l-imputat iżjed minn darba. Huwa jgħid illi l-imputat, magħruf bil-laqam 'it-*Tiny*', għamel żmien twil jagħmel użu minn vann magħluq tal-marka Toyota Hi-Ace b'riklam tad-ditta Kleen Flo. Jgħid ukoll illi l-istess imputat kien joqgħod il-Fgura.[33]

12. **PC 47 Chris Frendo** xehed illi huwa kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat odjern nhar l-24 ta' Ottubru 2007.[34]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, f'dawn il-proċeduri l-imputat Joseph Rizzo qed jiġi akkużat bir-reati ta' traffikar tad-droga kokaina u tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy*, b'referenza għall-20 ta' Settembru 1998 u d-disa' xhur ta' qabel din id-data, u dan wara illi fil-mori tal investigazzjonijiet u proċeduri separati fil-konfront ta' terzi persuni ossia James Muscat u Clifford Sultana, huwa ġie indikat mill-istess Muscat bħala l-persuna li fornietu bil-pilloli *ecstasy* u minn Sultana bħala l-persuna li fornietu bid-droga kokaina, għalkemm dan tal-aħħar, kif ser jingħad, baqa' ma identifikax lil Joseph Rizzo msemmi minnu bħala l-imputat odjern.

Fl-ewwel lok, il-Qorti ser tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-Ordni tal-Avukat Ġenerali li ġie esebit fl-atti mill-Prosekuzzjoni in kwantu l-imputazzjoni (b), li tikkontempla r-reat ta' traffikar ta' mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy*. Kif ingħad iżjed 'il fuq, dan l-Ordni, ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, mhuwiex iffirmat mill-Avukat Ġenerali u lanqas ma ġie datat minnu, kuntrarjament għall-Ordni tal-istess Avukat Ġenerali taħt is-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li allura dwar l-

[31] Ara din ix-xhieda a fol. 79 sa 81 tal-proċess.
[32] A fol. 97 u 98 tal-proċess.
[33] Ara a fol. 99 u 100 tal-proċess u a fol. 151 sa 155 tal-proċess.
[34] Ara a fol. 116 u 117 tal-proċess.

imputazzjoni (a) li tikkontempla r-reat ta' traffikar tad-droga kokaina, jordna li l-każ jinstema' minn din il-Qorti fil-kompetenza tagħha surreferita.

L-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

"*Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont kif jordna l-Avukat Ġenerali ...*".

F'dan il-każ, għalkemm l-Ordni ai termini tal-Kap. 31 ġie esebit fl-atti, kif ingħad, dan mhuwiex iffirmat mill-Avukat Ġenerali u għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tqis dan l-Ordni bħala wieħed validament mogħti jew maħruġ mill-istess Avukat Ġenerali. Għalkemm din il-kwistjoni ma ġietx sollevata mill-partijiet, il-Qorti ma jidhrilhiex illi għandha jew li tista' tinjora dan l-istat ta' fatt, stante illi n-nuqqas li qed jiġi ravviżat, fil-fehma tagħha, jġib miegħu konsegwenzi li jistgħu jimpinġu serjament fuq l-eżitu ta' dawn il-proċeduri, u dan b'mod partikolari meta wieħed iqis in-natura serja tal-imputazzjoni li għaliha jirreferi dan l-Ordni invalidu u l-piena li jikkomporta dan ir-reat.

Il-Qorti hawnhekk ser tagħmel referenza għall-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) vs Matthew Carter**, deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Marzu 2010, f'liema każ l-appellant kien akkużat bħal fil-każ odjern, b'reati kemm taħt il-Kapitolu 31, kif ukoll taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda l-Prosekuzzjoni esebiet biss l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Kapitolu 101. Wieħed mill-aggravji tal-appellant kien illi l-proċeduri kienu nulli fid-dawl ta' dan in-nuqqas.

F'dak il-każ, wara li l-ewwel Qorti, fuq ammissjoni tal-appellant, kienet sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"*Il-kunsens tal-Avukat Generali bid-data 30 ta' Gunju, 2008 sabiex il-kawza tigi trattata w deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sar bis-sahha tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 jinsab esebit a fol. 5 tal-process.*

*Kif tajjeb osserva l-appellant il-Qorti tal-Magistrati ma gietx moghtija awtorizzazzjoni biex tiddetermina l-ewwel zewg akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-*

*gudikat*[35] *bis-sahha tal-artikolu 120A(2) tal-Kap. 31, liema awtorizzazzjoni hija eskluza ghal kollox mill-kunsens tal-Avukat Generali tat-30 ta' Gunju, 2008.*

*Jidher illi dan il-fatt sfugga l-partijiet waqt li kienu qeghdin jittrattaw il-kawza fl-ewwel stadju. Tant hu hekk illi fit-2 ta' Dicembru 2008 hemm verbal tal-ammissjoni tal-imputat (fol. 64) ...*

...

...

*L-Ewwel Qorti ghaddiet ghal prolazzjoni tas-sentenza fis-6 ta' Lulju, 2009 u fil-parti konkluzzjonali taghha rreferiet ghall-artikolu 120A(1) u 120A(2) tal-Kap. 31 wara li ddikjarat lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kontra tieghu ...*

*L-appellant issa qieghed jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma setghetx issibu hati tal-ewwel zewg akkuzi dawk li jirrigwardaw l-ecstasy peress illi l-Qorti tal-Magistrati ma kienitx awtorizzata tiddeciedi dak il-Kap bil-kunsens li kien ta l-Avukat Generali fit-30 ta' Gunju, 2008.*

*Dan l-argument jidher li sab il-konfort ukoll tal-Avukat Generali fejn qabel ma l-appellant illi awtorizzazzjoni ma kienx hemm.*

...

*Fl-isfond tas-suespost jidher illi huwa accettat illi ma kienx hemm kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-Qorti tal-Magistrati tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg akkuzi addebitati lill-appellanti. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kienitx awtorizzata tikkundanna lill-appellant ukoll ghal dawn iz-zewg kapi, dana minkejja l-ammissjoni tieghu registrata fil-verbal tat-2 ta' Dicembru, 2008.*

...

[35] Dan kien qed jingħad b'referenza għall-akkużi ta' traffikar u pussess aggravat tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy*.

*... bin-nuqqas ta' kunsens tal-Avukat Generali, l-Qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundanna lill-imputat ghall-ewwel zewg akkuzi u dana nonostante l-ammissjoni inkondizzjonata tal-appellant.*"

Għaldaqstant, dik il-Qorti għaddiet sabiex tilqa' l-appell tal-appellant u annullat u rrevokat dik il-parti tas-sentenza li permezz tagħha huwa nstab ħati tal-ewwel u t-tieni akkużi taħt il-Kap. 31 u lliberatu minn kull imputazzjoni u ħtija dwar l-istess.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza wkoll għall-każ deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Frar 1996, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Mifsud**, fejn il-Qorti għamlet analiżi dettaljata dwar il-funzjoni tal-Ordni tal-Avukat Ġenerali fi proċeduri dwar akkużi relatati ma' droga. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha, dik il-Qorti rreferiet kemm għat-test Malti tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll għal dak Ingliż li skont l-istess Qorti jispjega ċar u mingħajr ebda possibilita` ta' dubju, verament x'tipprovdi l-liġi. It-test Ingliż, f'dak il-każ, kien jaqra hekk:

"*Every person charged with an offence against this ordinance <u>shall be tried</u> in the Criminal Court or before the Court of Magistrates of Judicial Police as the Attorney General may direct ....*".[36]

Il-Qorti kompliet hekk f'dan ir-rigward:

"*Ghal din il-Qorti huwa ovvju illi il-figura tal-Avukat Generali u l-funzjoni tieghu tidhol fix-xena mhux bhala pre-rekwizit biex jigu istitwiti proceduri penali taht il-Kap. 101 izda bhala pre-rekwizit ghal dik li hija ix-xelta ta' liema Qorti sejra tiggudika lill-imputat jew akkuzat skond il-kaz.*"

Il-Qorti mbagħad rreferiet għal disposizzjonijiet li jinsabu f'liġijiet differenti biex turi d-distinzjoni li teżisti bejn il-każ kif regolat taħt l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 (u bl-istess mod bħalu taħt l-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-każijiet l-oħra fejn il-figura tal-Avukat Ġenerali temerġi mill-ewwel bħala pre-rekwiżit sabiex il-proċeduri jkunu jistgħu jiġu istitwiti. Hekk per eżempju, qalet dik il-Qorti, taħt il-Kap. 233 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirregola il-Kontroll fuq il-Kambju,

[36] Illum it-test Malti tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 jgħid hekk: "Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond kif jordna l-Avukat Ġenerali …", fil-waqt illi t-test Ingliż jaqra hekk: "*Every person charged with an offence against this ordinance shall be tried in the Criminal Court or before the Court of Magistrates (Malta) or the Court of Magisrates (Gozo), as the Attorney General may direct*".

skont l-Artikolu 43, "*ma għandhom isiru ebda proċedimenti għar-reat kontra dan l-Att ħlief bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali*".

Il-Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward:

"*... huwa ovvju li f'kull kaz dak li l-ligi trid u qed timponi huwa illi qabel ma jkunu jistghu jinbdew il-proceduri, huwa rikjest sine qua non il-permess jew l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Generali ...*

*L-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 ma jghidx hekk. Dak li dan is-sub-artikolu jippreciza huwa illi il-Qorti li eventwalment sejra tiddeciedi l-kaz ta' allegat ksur tad-disposizzjonijiet ta' dak il-kap, ma jaghziliex l-imputat kif jista' jaghmel prattikament fil-kazijiet kollha kriminali fejn jista' jkun hemm ix-xelta prevista mil-ligi, izda jaghzilha l-Avukat Generali. Ghal din il-Qorti jekk wiehed jara it-test Malti u specjalment it-test Ingliz, dak li hemm previst f'dan is-sub-artikolu huwa illi f'kaz ta' allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 101, meta jittiehdu proceduri – u dawn jittiehdu mill-Pulizija li m'ghandhiex bzonn il-kunsens tal-Avukat Generali biex tibdihom – u jigu kompilati l-atti, ix-xelta dwar liema Qorti sejra tiddeciedi l-kaz, ma tispettax lill-akkuzat jew l-imputat bhal f'hafna kazijiet ohra, imma tispetta esklussivament lill-Avukat Generali ...*

*...*

*Din il-Qorti fir-rigward tikkonfessa li ghal mument kellha xi ftit tad-dubju minhabba li s-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Kap. 101 juza il-kliem "ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja". Pero` dan id-dubbju gie eliminat wara li kkonsidrat fl-ewwel lok it-test ingliz li kif jinghad juza l-kliem "<u>shall be tried</u>" u it-tieni, illi anke fit-test Malti l-istess sub-artikolu jibda bil-kliem "<u>kull persuna akkuzata b'reat kontra din l-ordinanza</u>". Dan igib lil din il-Qorti ghal unika konkluzjoni plawsibbli fit-termini ta' dan is-sub-artikolu, u cioe`, li ebda awtorizzazzjoni mill-Avukat Generali ma hija rikjesta mil-ligi biex jinbdew il-proceduri u li dak li hemm previst mil-ligi hija id-diskrezzjoni assoluta tal-Avukat Generali li jiddeciedi hu u mhux l-imputat mil-liema Qorti ser jigi gudikat l-istess imputat.*"

Huwa evidenti għalhekk illi minkejja li l-proċeduri fil-każ ta' reati dwar droga jistgħu jinbdew mingħajr l-Ordni tal-Avukat Ġenerali, finalment id-diskrezzjoni dwar il-kompetenza u konsegwentement il-proċedura li għandha tiġi segwita (ossia jekk hux dik tal-qorti fil-kompetenza tagħha ta' Qorti Istruttorja jew ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali *ab initio* jew hekk reża, permezz tal-Kontro-Ordni tal-istess Avukat Ġenerali) hija fil-liġi esklussivament vestita fl-Avukat Ġenerali.

Konsegwentement il-Qorti ma tistax tużurpa dik id-diskrezzjoni u tagħmilha tagħha billi tiġġudika lill-imputat odjern mingħajr l-Ordni tal-Avukat Ġenerali.

Għalkemm il-każ odjern mhuwiex preċiżament identiku għall-każijiet fuq ċitati, biss fil-fehma tal-Qorti la darba l-Ordni esebit mhuwiex iffirmat mill-Avukat Ġenerali, dan għandu l-istess effett daqs li kieku ma ġiex esebit għaliex effettivament, ma ġiex esebit Ordni li jista' jingħad li huwa validu. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi m'għandhiex triq oħra ħlief illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni (b) li tikkontempla reat taħt il-Kap. 31. Dan qed jingħad stante li fil-fehma tal-Qorti, lanqas ma tista' tgħaddi sabiex tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni u dan għaliex f'dak il-każ, xorta waħda tkun qegħda tiddeċiedi l-istess, minkejja n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni tal-Avukat Ġenerali li l-każ jinstema' u jiġi deċiż minnha fil-kompetenza tagħha surreferita.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Jibqa' għalhekk li l-Qorti tiddeċiedi l-imputazzjoni (a) li tikkontempla t-traffikar tad-droga kokaina, flimkien mal-aggravju tad-distanza.

Jibda biex jingħad illi minkejja illi l-Qorti hija proċeduralment prekluża milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni (b), madankollu m'hijiex prekluża milli tieħu konjizzjoni tal-provi kollha riżultanti mill-atti proċesswali, inkluż il-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni in sostenn ta' din l-istess imputazzjoni. Fil-fatt, m'hemm xejn li jżomm lill-Qorti milli tqis dawn il-provi, fil-kuntest tal-provi kollha mressqa, fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-ħtija o meno tal-imputat odjern dwar l-imputazzjoni (a).

Da parti tagħha, dwar il-mertu taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, id-difiża ssostni li din il-Qorti ma għandiex tistrieħ fuq ix-xhieda ta' James Muscat u ta' Clifford Sultana.

Fir-rigward tax-xhieda ta' James Muscat, id-difiża ssostni li dan ix-xhud kellu kull interess sabiex fil-proċeduri penali li ttieħdu fil-konfront tiegħu, huwa jindika 'isem' ta' persuna li allegatament fornietu bid-droga. Fi kliem id-difiża, *"dan ix-xhud kellu nteress li jipprova jindika lil xi hadd u johloq certu cirkostanzi biex jiprova jiggustifika minn fejn huwa kien ġab dawn il-pilloli"*. Dwar dan, id-difiża tkompli tgħid illi jirriżulta mill-atti illi l-istess James Muscat ibbenefika permezz ta' tnaqqis fil-piena erogata lilu fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu u dan billi huwa ġie kkundannat għal erba' xhur priġunerija effettiva. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota

illi jirriżulta mill-atti proċesswali, speċifikatament mill-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2009, illi l-istess James Muscat ibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 (fil-każ ta' mediċina psikotropika u ristretta, reż applikabbli permezz tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta) wara li ġie mixli bir-reat ta' pussess aggravat ta' pilloli *ecstasy*, meta nstab fil-pussess ta' numru ta' pilloli waqt *party* nhar il-21 ta' Settembru 1998, u għaldaqstant verament huwa minnu li huwa kellu interess li jindika l-persuna li kienet fornitu b'dawn l-istess pilloli. Dana manakollu huwa l-*iter* ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, u ċioe` illi persuna ħatja ta' reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, tibbenefika minn temperament fil-piena kemm il-darba jirriżulta illi tali persuna tkun għenet lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna li tkun fornietha bl-istess. L-għemil ta' Muscat, li kixef lill-persuna li fornietu bid-droga, mhux talli mhuwiex illeċitu, iżda huwa meqjus favorevolment mil-liġi u dan dejjem bil-għan li jinkixfu l-persuni mdaħħla fiċ-ċrieki tad-droga, fil-qafas tal-ġlieda kontra l-kriminalita`.

Naturalment, il-Qorti għandha dejjem tgħarbel sew ix-xhieda ta' xhud u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid illi fi kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

In oltre skont l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli għal reati taħt il-Kap. 31 permezz tal-Artikolu 120A(2A) tal-istess Kapitolu, meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra. Imbagħad skont l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew ingħatat volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew biża', jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi.

Stabbiliti dawn il-prinċipji u applikati għall-każ odjern, wara li fliet bir-reqqa x-xhieda ta' Muscat, ma jirriżultax lil din il-Qorti, sewwa sew kif timplika d-difiża, illi bil-prospett ta' temperament fil-piena, James Muscat lissen isem l-imputat meta ma kienx minnu li kien l-istess imputat li provdih bil-ħamsin pillola *ecstasy* li huwa jsemmi fix-xhieda tiegħu. Għall-kuntrarju, u kif tajjeb tirrimarka d-difiża f'dan ir-

rigward, ix-xhud kien konsistenti fix-xhieda tiegħu (ħlief fejn fl-ewwel xhieda tiegħu indika li kien xtara l-pilloli *ecstasy* f'żewġ okkażjonijiet mingħand Rizzo u wara jibqa' jsemmi okkażjoni unika li fiha xtara l-ħamsin pillola) u indika l-lok li fih sar in-negozju, f'hiex kien jikkonsisti l-istess negozju, il-vettura li kien qiegħed isuq l-imputat u d-dettalji li huwa kien jaf dwaru ossia fejn kien jirrisjedi u anke x-xogħol tiegħu, inkluż deskrizzjoni korretta tal-istess imputat. Dan apparti illi mingħajr ebda eżitazzjoni, ix-xhud identifika lill-imputat fl-awla fil-mori tax-xhieda tiegħu darbtejn, ossia quddiem il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano u darb'oħra quddiem din il-Qorti, kif preseduta. Fid-dawl ta' din ix-xhieda, il-Qorti m'għandhiex dubju li kien proprju l-imputat odjern li forna lil Muscat bil-pilloli *ecstasy* li l-istess Muscat isemmi fix-xhieda tiegħu, xi jumejn qabel l-arrest tiegħu f'Settembru 1998. Naturalment, u mil-lat proċedurali, kien jispetta lid-difiża sabiex ixxejjen bħala inveritiera x-xhieda ta' James Muscat. Mhuwiex suffiċjenti li d-difiża tqajjem dubji li, mill-atti proċesswali, ma jirriżultawx fondati.

Fir-rigward ta' Clifford Sultana, imbagħad, id-difiża ssostni li minkejja li huwa minnu li x-xhud stqarr mal-pulizija *a tempo vergine* meta ġie arrestat, jiġifieri f'April 1998, illi huwa kien akkwista d-droga mingħand ċertu Joseph Rizzo, huwa baqa' ma identifikax lill-imputat odjern bħala l-istess Rizzo, meta ġie mitlub jagħmel dan.

Dwar Sultana, il-Qorti tinnota illi meta huwa xehed fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Micallef Trigona, fis-sena 2007, ix-xhud ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu f'April 1998 salv għal xi dikjarazzjonijiet li huwa kien għamel fl-istess stqarrija, li għażel li jikkoreġihom fix-xhieda tiegħu, bħal per eżempju, fejn huwa kien qal fl-istqarrija tiegħu li ma kienx juża droga kokaina. M'hemmx dubju minn dik ix-xhieda madankollu, illi x-xhud Sultana indika lill-fornitur tad-droga kokaina li nstabet għand Anthony Bonello f'April 1998, bħala Joseph Rizzo, magħruf bħala 't-*Tiny*', li dak iż-żmien kien isuq vann Toyota, li mal-ġenb u quddiem tiegħu kellu miktub '*Kleen-Flo*'. Fix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Ottubru 2009, imbagħad, Sultana jgħid illi Rizzo kien minn Raħal Ġdid u jerġa' jikkonferma illi huwa kien iltaqa' miegħu Raħal Ġdid sabiex jakkwista l-kokaina mingħandu. Dwar ix-xhieda mogħtija minn Sultana quddiem din il-Qorti, kif preseduta, il-Qorti ma tantx għandha xi tgħid ħlief illi Sultana għamilha ta' bir-ruħu li ma jiftakar xejn, għamel minn kollox biex ma jgħidx li nstab fil-pussess tad-droga kokaina u per konsegwenza biex ma jsemmix lil Rizzo u in oltre reġa' għal darb'oħra għamel minn kollox biex ma jidentifikax lill-imputat odjern bħala l-istess Rizzo li jsemmi fix-xhieda tiegħu.

Minkejja li huwa minnu li l-każ jirrisali għas-sena 1998, ma hemmx dubju illi x-xhud kien għal kollox retiċenti illi jixhed fil-presenza tal-imputat u illi jindikah bħala l-persuna li fornitu bid-droga kokaina. Mingħajr tlaqliq il-Qorti tgħid illi bl-ebda mod ma emmnet lix-xhud Sultana, meta huwa sostna diversi drabi li ma kienx ċert li l-imputat kien l-istess Joseph Rizzo, kif ma emmnitux f'diversi aspetti oħrajn tax-xhieda tiegħu quddiemha, kif wara kollox huwa evidenti mit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-istess Sultana, jew inkella meta ċaħad, fix-xhieda tiegħu tas-sena 2009, illi l-imputat ma kienx l-istess Joseph Rizzo li għalih għamel referenza fix-xhieda tiegħu tas-sena 2007. Għalkemm din ix-xhieda ma nstemgħetx mill-Maġistrat illum sedenti, mit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-istess Sultana, ir-retiċenza tiegħu f'din l-aħħar xhieda msemmija hija evidenti mill-bidunett, meta wara biss ftit domandi, ix-xhud mill-ewwel jgħid illi huwa kien semma' lil Joseph Rizzo, li madankollu ma kienx preżenti dakinhar fl-awla. Il-Qorti tinnota wkoll illi fil-waqt illi quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, Sultana sostna li l-imputat ma kienx l-istess Joseph Rizzo li huwa rrefera għalih, mill-banda l-oħra, quddiem din il-Qorti kif preseduta, huwa sostna kemm il-darba illi ma kienx ċert dwar dan. Il-Qorti m'għandiex dubju illi d-dehra tal-imputat inbidlet xi ftit mis-sena 1998 sas-sena 2009 u iżjed u iżjed sas-sena 2014, meta xehed l-istess Sultana, iżda ma tistax ma tinnutax fl-ewwel lok, illi Sultana stess jgħid fix-xhieda tiegħu illi huwa kien ilu jaf lil Rizzo għal xi xhur, illi huwa jgħid illi kienu mill-istess akkwati, kif ukoll illi minkejja li għadda dan iż-żmien kollu, kuntrarjament għal Sultana, James Muscat għaraf mingħajr problemi lill-istess imputat bħala Joseph Rizzo li kien fornieh b'sustanzi lleċiti. Naturalment din il-kunsiderazzjoni tal-aħħar hija biss relevanti kemm il-darba l-Qorti tqis illi jirriżulta pruvat fil-grad rikjest mil-liġi illi Joseph Rizzo li jindika James Muscat, huwa l-istess Rizzo li jindika Clifford Sultana u dan minkejja ċ-ċaħda tal-istess Sultana f'dan ir-rigward.

Huwa evidenti wkoll illi l-Qorti ma tistax tistrieħ biss fuq in-nuqqas ta' kredibilta` tal-istess Sultana sabiex issib ħtija fl-imputat odjern. Mill-atti proċesswali, jirriżulta illi fl-ebda ħin, Sultana ma identifika lill-istess imputat bħala l-istess Joseph Rizzo li huwa jagħmel referenza għalih fix-xhieda tiegħu. Biss il-Qorti qegħda tistrieħ fuq id-dettalji li provda Clifford Sultana dwar Joseph Rizzo, li fil-fatt huma proprju l-istess dettalji li provda wkoll James Muscat, li identifika lill-imputat odjern f'dawn il-proċeduri bħala l-istess Joseph Rizzo li fornieh bid-droga. F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis illi żewġ persuni arrestati u nvestigati f'żewġ każijiet distinti u separati fl-istess sena 1998, iżda fi żminijiet u xhur diversi, it-tnejn indikaw lil Joseph Rizzo bħala fornitur tad-droga u taw l-istess dettalji fil-konfront tiegħu, b'mod partikolari li huwa kien ikun Raħal Ġdid u li kien isuq vann Toyota bir-riklam tal-*Kleen Flo* fuqu. In oltre fiż-żewġ każijiet, in-negozju sar ġewwa Raħal Ġdid. Il-Qorti tqis ukoll f'dan il-kuntest ix-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia li għamel sorveljanza

fuq l-imputat f'iżjed minn okkażjoni waħda, mil-liema xhieda jirriżulta illi l-istess Joseph Rizzo magħruf bħala 't-*Tiny*' – il-laqam li bih indikah ukoll Clifford Sultana - għamel żmien twil jagħmel użu minn vettura tal-marka Toyota bir-reklam tad-ditta *Kleen Flo,* kif ukoll ix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Neil Harrison li wkoll jikkonferma dan il-fatt, apparti wkoll ix-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta, li xehed illi fis-sena in kwistjoni, l-imputat odjern kellu vettura Toyota Hi-Ace reġistrata fuq ismu.

Irid jingħad ukoll illi minkejja li s-sustanza fil-pussess ta' Sultana baqgħet ma ġietx esebita mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri u għalhekk lanqas ma ġiet analizzata sabiex jiġi stabbilit illi din kienet kokaina, il-Qorti tqis fl-ewwel lok, illi mix-xhieda ta' Sultana jirriżulta illi din ma kinitx l-ewwel darba li huwa xtara l-kokaina mingħand Rizzo u fit-tieni lok, illi ma hemmx dubju illi huwa xtara s-sustanza mingħandu bħala droga kokaina u xejn inqas u illi Rizzo offra u biegħ din l-istess sustanza bħala tali u għalhekk fit-termini ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101.

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata fil-grad li trid il-liġi.

Mill-banda l-oħra, l-Qorti ma tqisx illi l-Prosekuzzjoni ġabet provi suffiċjenti fir-rigward tal-aggravju tad-distanza li jifforma parti mill-istess imputazzjoni (a).

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

Illi għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok illi dawn il-proċeduri jirrisalu għas-sena 1998, u illi minkejja li kien ukoll l-imputat stess li kkawża ħafna mid-dewmien f'dawn il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni damet għaxar snin sabiex tixli lill-imputat bir-reati odjerni, wara li stenniet li jiġu finalment deċiżi l-proċeduri penali fil-konfront ta' James Muscat u Clifford Sultana.

Tqis ukoll il-fedina penali refrattarja tal-imputat, kif aġġornata sa Mejju 2019, mil-liema jirriżulta illi huwa nstab ħati ta' diversi reati, fosthom, diversi reati kontravenzjonali, illi kkaġuna feriti ta' natura ħafifa f'iżjed minn okkażjoni waħda, serq aggravat, pussess tad-droga fi tliet okkażjonijiet, illi saq b'veloċita` eċċessiva jew traskurata f'diversi okkażjonijiet, reati kontra r-regolamenti tat-traffiku, riċettazzjoni u reati kontra l-liġi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ukoll f'diversi okkażjonijiet.

Tqis ukoll in oltre n-natura serja tar-reat li tiegħu qed jinstab ħati l-imputat, kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha li jirriżultaw in kwantu din l-imputazzjoni, inkluż l-ammont ta' kokaina li akkwista Sultana mingħand l-imputat odjern f'April 1998 u li din ma kinitx l-unika okkażjoni li fiha huwa xtara l-kokaina mingħandu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, filwaqt li qed issib lill-imputat **Joseph Rizzo** mhux ħati tal-aggravju tad-distanza formanti parti mill-imputazzjoni (a) u tilliberah mill-istess aggravju, qed issib lill-istess imputat ħati tal-imputazzjoni (a) in kwantu huwa traffika d-droga kokaina u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija u multa ta' elfejn ewro (€2,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn ewro (€200), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk huwa jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Għar-raġunijiet fuq indikati, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni (b).

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat